VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,920, 25 ta' Mejju, 2012
Taqsima B

A.L. 160 tal-2012

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) – B.Sc. (Hons) – in Dental Technology taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Kirurġija Dentali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Kirurġija Dentali bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

Titolu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) – in Dental Technology taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Kirurġija Dentali.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Kirurġija Dentali;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) – in Dental Technology;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - in Dental Technology; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2011 jew wara.

Ir-Rekwiżiti Speċjali għad-Dħul fil-Kors

3. Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom, minbarra li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul, ikunu għaddew fil-Livell Avvanzat fil-Kimika u fil-Livell Intermedju fil-Bijoloġija jew fil-Fiżika.

4. Il-Bord tad-Dħul, li jaġixxi fuq il-parir tal-Bord, jista' jaċċetta applikanti li jkollhom id-Diploma in Health Science fil-qasam tad-Dental Technology, mogħtija mill-Università ta' Malta, fit-tieni sena tal-Kors, skont il-provvedimenti tar-regolament 8.1 tar-Regolamenti għad-Dħul tal-Università.

5. Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat l-għadd ta' applikanti li jistgħu jitħallew jirreġistraw fil-Kors, skont ir-riżorsi disponibbli. L-għadd ta' postijiet disponibbli għandu jkun imħabbar fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Is-Senat għandu japprova l-ordinamenti għall-għażla tal-applikanti fil-Kors.

It-Tul tal-Kors

6. Il-Kors jinfirex fuq medda ta' erba' snin ta' studju fuq bażi *full-time*.

Il-Programm ta' Studju

7. Il-Bord għandu jippubblika l-programm ta' studju fil-bidu ta' kull Kors. Suġġett għal tibdiliet li l-Bord jista' jkun kostrett li jagħmel, bl-approvazzjoni tas-Senat, l-istudenti huma marbuta li jsegwu t-taqsimiet studju u jiksbu l-kretti kif indikat fil-programm ta' studju għall-Grad, sakemm li l-programm ikun imfassal skont il-provvedimenti rilevanti tar-Regolamenti Prinċipali.

8. L-istudenti jkunu meħtieġa jirreġistraw u jiksbu kretti għal taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 240 krettu.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

9. L-evalwazzjoni globali tal-livell milħuq minn kull student tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba f'kull sena tal-Kors, b'kull sena tingħata piż kif ġej:

Marka Medja tal-Ewwel Sena	15%
Marka Medja tat-Tieni Sena	15%
Marka Medja tat-Tielet Sena	30%
Marka Medja tar-Raba' Sena	40%.